11 ta' Novembru, 1952.

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Ganni Fava

**Indirizz — Verdett — Nullità.**

*Jekk f'akkuża ta' tentativ ta 'omiċidju volontarju ma tkunx ġiet sollevata mid-difiża, formalment u speċifikament, l-eċċezzjoni illi l-fatt kien jikkostitwixxi mhux dak ir-reat, imma r-reat ta' offiża gravi, il-Qorti ma għandha ebda dmir li ssemmi fl-indirizz tagħha r-reat ta' offiża gravi.*

*Għalduqstant mhux null il-verdett tal-ġurati, li jiddikjaraw lill-akkużat ħati skond l-att ta' l-akkuża fuq il-motiv li l-Qorti fl-indirizz ma pprospettatx l-ipotesi ta' l-offiża gravi.*

*Għal dak li jirrigwarda l-indirizz, l-Imħallef li għamlu biss jista' jgħid u jassikura x'kien l-indirizz tiegħu lill-ġurati.*

Il-Qorti — Rat in-nota li l-akkużat ippreżenta wara l-verdett tal-ġurati, li biha ssottometta li l-verdett ta' reità skond l-att ta' l-akkuża hu null, peress li l-ġurati ma kellhomx prospettata l-ipotesi ta' l-offiża gravi bil-fakoltà li l-ġurija għandha li taqa' fuq reat minuri. Din l-ipotesi ta' reat simili ġiet sottomessa mid-difiża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi d-Difiża fl-ebda pont ta' l-arringa tagħha ma ssollevat formalment u speċifikatament l-eċċezzjoni illi l-fatt kien jikkostitwixxi, mhux tentativ ta' omiċidju volontarju, imma r-reat ta' offiża gravi. Id-difensur, waqt li qiegħed jittratta fuq l-element materjali tar-reat dedott, semma biss ġenerikament li l-offiża gravi b'perikolu ta' mewt hija materjalment simili, kif jirriżulta min-notamenti li żammet il-Qorti;

Illi l-Qorti, għalhekk, ma kellha ebda dmir li ssemmi fl-indirizz ir-reat ta' offiża gravi; iżda, b'dana kollu, il-Qorti fil-kors ta' l-indirizz semmiet "passim" li, apparti mill-intenzjoni omiċida, dawk l-offiżi kienu dejjem ikunu gravi minħabba durata. Għandu jiġi rilevat illi ġie minn dina l-Qorti, kolleġjalment kostitwita, fit-28 ta' Frar 1862, "Regina vs. Barbaro", ritenut illi "per quel che concerne l'indirizzo del

giudice, questi è la sola persona che potrebbe assicurare quale sia stato il suo proprio indirizzo'';

**Għalhekk;**

**Il-Qorti tiddeċidi billi tirrespingi l-eċċezzjoni.**